A.L. 286 ta' l-2004

ATT DWAR IS-SWIEQ FINANZJARJI

(KAP. 345)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Negozju barra minn *Exchange*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 3 u 45 ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, bil-parir ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala l-awtorità kompetenti għall-għanijiet ta' l-Att, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2004 dwar Negozju barra minn *Exchange*.

(2) Dawn ir-regolamenti jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi jista' jistasbbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 345.

"Att" tfisser l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji u l-kliem u espressjonijiet użati jkollhom l-istess tifsira bħal ma hi mogħtija lilhom fl-Att imsemmi sakemm ma jkunux mod ieħor imfissra f'dawn ir-regolamenti;

"awtorità barranija" tfisser il-korp jew korpi nominati minn Stat Membru jew Stat ŻEE biex jaġixxu bħala l-awtorità ta' superviżjoni dwar l-impriża ta' investiment konċernata f'dak l-Istat Membru jew Stat ŻEE skond kif imfisser fid-Direttiva;

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta maħtura taħt l-artikolu 2 ta' l-Att;

"Direttiva" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE tal-10 ta' Mejju 1993 dwar servizzi ta' investiment fil-qasam tat-titoli, kif emendata minn żmien għal żmien;

"intermedjarju awtorizzat" tfisser impriża ta' investiment li tkun awtorizzata mill-awtorità kompetenti jew minn awtorità barranija biex tipprovdi servizzi msemmija fis-Sezzjoni A(1)(b) u (2) ta' l-Anness tad-Direttiva fit-tifsira ta' l-Artikolu 15 tad-Direttiva;

"titoli elenkati" tfisser titoli li huma elenkati u negozjati f'*exchange* ta' investiment rikonoxxut.

Kondizzjonijiet għal negozju barra minn *exchange*.

3. (1) Titoli elenkati jistgħu jkunu negozjati barra minn *exchange* ta' investimenti rikonoxxut li fuqu huma elenkati u negozjati sakemm:

(a) jiġu mwettqa permezz ta' intermedjarju awtorizzat;

(b) l-intermedjarju awtorizzat ikun kiseb il-kunsens bil-miktub espress bil-quddiem tal-klijent qabel ma jwettaq operazzjonijiet barra mill-faċilitajiet u sistemi operati mill-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut:

Iżda meta l-klijent ikun klijent mhux privat kif imfisser fil-linji ta' gwida dwar servizzi ta' investiment maħruġin skond l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment, il-kunsens espress bil-quddiem jista' jingħata bil-fomm rigward ordnijiet trasmessi permezz tat-telefon u sakemm l-intermedjarju awtorizzat iżomm notamenti xierqa dwar dan; u

Kap. 370.

(ċ) sakemm l-operazzjoni ma tkunx ser tiġi *cleared* u konkluża skond is-sistema u r-regoli tal-*clearing* u konklużjoni utilizzati mill-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut, l-intermedjarju awtorizzat għandu javża lill-klijent bil-miktub dwar kull riskju assoċjat.

(2) Il-kunsens espress u bil-quddiem imsemmi f'dan ir-regolament għandu jingħata għal kull operazzjoni individwali.

Rapport lill-*exchange* ta' investiment rikonoxxut.

4. (1) Intermedjarju awtorizzat għandu, f'għaxar minuti mill-konklużjoni ta' operazzjoni negozjata barra minn *exchange* ta' investimenti rikonoxxut, jirrapporta d-dettalji elenkati fis-subregolament (2) lill-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut. Għandu jiġi sottomess rapport individwali għal kull operazzjoni bħal dik.

(2) Din li ġejja hija lista tad-dettalji msemmija fis-subregolament (1):

(a) it-titolu nnegozjat;

(b) id-data u l-ħin tat-twettieq;

(ċ) tip ta' operazzjoni (xiri jew bejgħ);

(d) prezz;

(e) volum;

(f) munita;

(g) korrispettiv;

(h) data tal-ħlas;

(i) dettalji dwar il-klijent inklużi l-isem, in-numru tal-karta ta' l-identità jew numru tal-passaport u indirizz;

(j) il-parti l-oħra; u

(k) dawk id-dettalji l-oħra li jistgħu jkunu speċifikati f'regoli jew f'ordinamenti maħruġin mill-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut jew xi dettalji oħra li jistgħu jkunu meħtieġa mill-awtorità kompetenti.

Rapport separat minn kull intermedjarju awtorizzat involut f'operazzjoni.

5. Kull intermedjarju awtorizzat, jekk ikun hemm aktar minn wieħed, li jkun involut f'operazzjoni, hu obbligat li jissottometti rapport separat imħejji skond ir-regolament 4.

Informazzjoni lir-reġistratur jew depożitarju li jżomm ir-reġistru.

6. L-informazzjoni li hi meħtieġa li tiġi rrapportata lill-*exchange* ta' investiment rikonoxxut taħt ir-regolament 4 għandha ukoll tiġi sottomessa, fl-istess perjodu ta' żmien, lir-reġistratur jew depożitarju li hu responsabbli għaż-żamma tar-registru tat-titolu elenkat.

Xandir ta' informazzjoni lill-pubbliku.

7. Rigward kull operazzjoni rraportata lilu skond ir-regolamenti 4 u 5, l-*exchange* ta' investiment rikonoxxut għandu jxandar lill-pubbliku l-informazzjoni elenkata fil-paragrafi (a), (b), (d) u (e) tar-regolament 4(2), flimkien ma' kull dettall ieħor addizzjonali kif jista' jiġi speċifikat fir-regoli jew ordinamenti maħruġin minnu.

Żmien li fih għandu jsir ix-xandir lill-pubbliku.

8. (1) Meta operazzjoni barra minn *exchange* titwettaq waqt sessjoni ta' negozju ta' l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut, l-informazzjoni relevanti sottomessa mill-intermedjarju awtorizzat skond ir-regolament 7 għandha tiġi mxandra mill-*exchange* ta' investiment rikonoxxut lill-pubbliku mingħajr dewmien.

(2) Meta operazzjoni barra minn *exchange* titwettaq wara l-egħluq ta' sessjoni ta' negozju ta' l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut, l-informazzjoni msemmija fir-regolament 7 għandha tiġi mxandra mill-*exchange* ta' investiment rikonoxxut lill-pubbliku qabel il-ftuħ tas-sessjoni ta' negozju li jmiss.

Għan.

9. (1) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jimplimenta d-disposizzjonijiet relevanti tad-Direttiva u għandhom ikunu mfissra u applikati b'dak il-mod.

(2) Fil-każ li xi wieħed minn dawn ir-regolamenti jkun konfliġġenti mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva, għandha tipprevali d-Direttiva.